MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 578/2003

**LOMBARD BANK MALTA PLC**

**vs**

**Vanessa MIZZI bħala debitriċi prinċipali u Charles MIZZI bħala garanti solidali**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fl-10 ta’ Ġunju, 2003 li bih is-soċjeta’ attriċi wara li ppremettiet;

Illi l-Bank attur jinsab kreditur tal-konvenuta Vanessa Mizzi fl-ammont ta’ sebat elef, mitejn tlieta u sebgħin Lira Maltin, tlieta u għoxrin ċenteżmi (Lm7273.23) bilanċ għad-debitu fil-‘loan account’ li għandha il-konvenuta ma’ l-istess Bank, bl-interessi kkalkolati sal-ħamsa (5) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) skond ‘statement’ hawn anness u mmarkat Dok ‘A’, oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mis-

sitta (6) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi permezz ta’ skrittura privata li ġġib id-data tas-sebgħa (7) ta’ Frar, elf disgħa mija tmienja u disgħin (1998) li l-oriġinali tagħha hija hawn annessa u mmarkata Dok ‘B’ il-konvenut Charles Mizzi ggarantixxa solidalment mal-konvenuta l-oħra l-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu sal-ammont ta’ ħamest elef Liri Maltin (Lm5,000) skond kif hemm aħjar deskritt;

Illi għalkemm interpellati sabiex iħallsu anke uffiċjalment, il-konvenuti baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Jiġu l-konvenuti kollha solidalment ikkundannati sabiex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta’ ħamest elef Liri Maltin (Lm5000)

2. Tiġi l-konvenuta Vanessa Mizzi kkundannata sabiex tħallas lill-Bank attur il-bilanċ ta’ elfejn, mitejn tlieta u sebgħin Liri Maltin, tlieta u għoxrin ċenteżmi (Lm2273.23) u dan oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mis-sitta (6) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta’ l-ittra uffiċjali li ġġib id-data tal-15 ta’ Novembru 2002, tal-mandati ta’ qbid u sekwestru kawtelatorji ppreżentati kontestwalment ma’ din il-kawża, u bl-imgħaxijiet legali mis-6 ta’ Ġunju 2003, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa għas-subizzjoni tagħhom.
Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenuti bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni li naqsu li

jippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tal-Bank attur** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------